MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 525/2013

**Mediterranean Aviation Company Limited**

**(C – 4145)**

**vs**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut, li gew nominati bhala kuraturi deputati in rapprezentanza tal-ajruplan irregistrat bin-numru YA – EHA01 tal-ghamla EADS Casa C-212 CB, *manufacturer serial number* MSN 96 u dan skont digriet moghti mill-Onor Imhallef Joseph R. Micallef datat it-22 ta' Ottubru tas-sena 2013**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat il-31 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu, r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` rikorrenti effettwat diversi xoghlijiet fuq l-ajruplan intimat fil-facilitajiet tal-istess socjeta` rikorrenti;

1.2 Illi nonostante li s-sid/operatur tal-ajruplan *de quo* kien interpellat diversi drabi biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti ghall-prestazzjonijiet taghha fil-facilitajiet fuq riferiti, baqa' inadempjenti;

1.3 Illi l-ammont dovut mill-ajruplan intimat lis-socjeta` rikorrenti ghal dan is-servizzi jammonta ghal tlett mija u sebat elef u wiehed u tmenin Ewro u tmenin centezmu, (€307,081.80), (ara fol 8);

1.4 Illi l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti qatt ma gie kontestat mill-ajruplan intimat, anzi minflok kienet assikurata mill-istess li l-ammont dovut fuq indikat kien ser jithallas;

1.5 Illi ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti hu wiehed cert, likwidu u dovut u li l-kuraturi deputati intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jipproducu;

1.6 Illi konsegwentement titlob li *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-procedura odjerna titmexxa bid-dispensa tas-smiegh;

1.7 Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob li din il-qorti:

1.7.1. Tisma’ u tiddeciedi t-talba *de quo* bid-dispensa tas-smiegh skont il-ligi;

1.7.2. Tiddikjara li l-ajruplan fuq riferit hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont fuq indikat ta’ tlett mija u sebat elef u wiehed u tmenin Ewro u tmenin centezmu, (€307,081.80);

1.7.3. Tikkundanna lill-istess ajruplan intimat ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

1.7.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors fuq indikat;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti mill-istess socjeta` rikorrenti;

3. Rat in-nota tal-Kuratur Deputat datata s-27 ta’ Novembru, 2013, (ara fol 73);

4. Tirrileva li in vista tad-debita notifika tal-Kuraturi Deputati in dizamina u tal-fatt li dawn intavolaw biss nota rigwardanti l-korrispondenza li kellhom mal-ajruplan intimat, tqis li issa dana qieghed fi stat ta’ kontumacja;

5. Tirrileva wkoll li l-perjodu koncess lill-ajruplan intimat biex jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet tieghu *ai termini* tal-verbal datat it-28 ta’ Jannar, 2014, ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista tad-dikjarazzjoni guramentata attrici u tad-dokumentazzjoni esposta mis-socjeta` rikorrenti, din il-qorti hi sodisfatta li l-istess socjeta` ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

6.1 Tiddikjara li qed tisma’ u tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh kif mitluba *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6.2 Tiddikjara li l-ajruplan fuq riferit kif hawn rapprezentat mill-Kuraturi Deputati *de quo* hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ tlett mija u sebat elef u wiehed u tmenin Ewro u tmenin centezmu, (€307,081.80);

6.3 Tikkundanna lill-istess ajruplan intimat biex ihallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

6.4 Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors fuq indikat, kontra l-istess ajruplan fuq indikat.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------